# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 110/2022 ISB**

**Lawrence (K.I. 352257M) u Rita (K.I. 27760M) konjuġi Spagnol u Pierre Bellizzi (K.I. 34268G)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi**, intavolat fil-31 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

> *"... jogħġobha, kif igħid l-art. 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru sabiex il-*

*kumpannija titqies li kompliet bl-eżstenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar.”*

U dan wara li ppermettew:

1) *L-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji ħassar l-isem tal-kumpannija Nick Demicoli Construction Co. Limited (C 17153) b’seħħ mit-2 ta’ Jannar 2020; il-kumpannija ġiet struck off as defunct.*

2) *Ir-rikorrenti kienu fetħu kawża fl-ismijiet* ***Lawrence Spagnol et vs Paul Demicoli et*** *(rikors maħluf nru 486/2008) kontra l-istess kumpannija Nick Demicoli Construction Co. Limited u oħrajn. B’sentenza mogħtija fis-6 ta’ Ottubru 2022 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, wara li sabet lil Nick Demicoli Construction Co. Limited responsabbli flimkien ma’ oħrajn għal danni li ġarrbu r-rikorrenti, iddeċidiet inter alia illi:*

   *Tikkundanna lil Paul Demicoli u s-soċjeta kontumaċi Nick Demicoli Construction Company Limited iħallsu esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta’ mija u sbatax-il elf, u mija u erbgħin Euro (€117,140) għar-rikostruzzjoni tal-garage u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta’ erbgħa u sittin elf, disgħa mija u tlieta u sittin Euro (€64,963) għall-beni fil-garage meqruda u telf ta’ qliegħ, u dan bħala s-sehem ta’ ħamsa minn sitta (5/6) kif fuq deskritt.*

3) *Ir-rikorrenti appellaw is-sentenza peress illi jikkontendu li l-kumpens għandu jkun ogħla.*

4) *Ir-rikorrenti għalhekk bħala kredituri tal-kumpannija Nick Demicoli Construction Co. Limited għandhom interess ċar u manifest illi isem il-kumpannija jerġa’ jidħol fir-reġistru kemm sabiex ikun jista’ jitkompla l-appell u kemm sabiex eventwalment ikunu jistgħu jesegwixxu s-sentenza.*

5) *Ir-rikorrenti għalhekk ġew aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Novembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Novembru 2022 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-9 ta' Novembru 2022 (ara tergo ta` fol 8).

Rat illi fit-22 ta' Novembru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 26), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija **NICK DEMICOLI CONSTRUCTION CO. LTD** (**C 17153**) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-5 ta' Diċembru 1994;*

*Illi il-kumpanija issottomettiet id-dokumentazzjoni dwar ix-xoljiment tal-kumpanija datati id-29 t' Awwissu 2008;*

*Illi wara li ġew sottomessi dawn id-dokumenti, il-kumpanija qatt ma kompliet tissottometti d-dokumentazzjoni ta' stralċ tal-kumpanija biex b'hekk il-kumpanija setgħet tingħalaq definittivament;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala **Dok. 'A'** l-ittri u l-pubblikazzjonijiet maħruġa mir-Reġistratur) biex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l- avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra lill-kumpanija u lill-uniku direttur tagħha Paul Demicoli fuq l-istess indirizz Omar, 60, Pope Urbanus Street, Birkirkara, Malta, fit-2 ta' Ottubru 2019;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi l-kumpanija kienet ilha fi stat ta' xoljiment għall-perjodu twil u l-kontijiet tal- likwidazzjoni flimkien mal- formola Liquidator's Return baqgħu qatt ma ġew sottomessi. Għaldaqstant jekk il-kumpanija kienet se tibqa tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, ir-*

*Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika;*

*Illi fit-2 t' Ottubru 2019, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-2 ta' Jannar 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fi żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta' tħassir u għalhekk għadhom fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-artikolu 325 jagħti żmien u l-opportunitajiet kollha lill-kumpaniji sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom u jerġgħu jaderixxu ma' dak li tirrikjedi l-liġi. Wara dan il-proċess kif imniżżel fl-artikolu 325(4), kumpanija li tkun imħassra tista' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha bħallikieku isimha ma kienx imħassar. Iżda, dan ikun jista' jsir, jekk ikun hemm impenn sħiħ mir-rikorrenti sabiex jaraw li jitħallsu l-penali sostanzjali, jiġu sottomessi d-dokumenti kollha rikjesti mil-liġi u jimxu skont id-direttivi kollha tar-Reġistratur. Huwa f'dak l-istadju biss li l-Qorti mbagħad tordna li l-ismijiet tal-kumpaniji jerġgħu jidħlu fir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Għaldaqstant r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi fil-każ odjern, il-kumpanija m'għandha l-ebda penali pendenti, għajr dawk li għad iridu jiġu ikkalkulati kemm il-darba terġa titpoġġa fil-kotba tal-kumpaniji, u għaldaqstant f' dak il-każ il-*

> *formoli L4 li baqgħu pendenti u li għaldaqstant għandhom penali li qed jibqgħu jakkumulaw sad-data tas-sottomissjoni tagħhom mar-Reġistratur tal-Kumpaniji;*
>
> *Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-23 ta' Novembru 2022 (fol 28) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit ta' Lawrence Spagnol u dokumenti oħrajn (fol 29 sa fol 41).

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-12 ta' Diċembru 2022 (fol 44) li permezz tagħha għamlu sottomissjonijiet għar-risposta tar-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023, dehret l-Avukat Evelyn Caruana Demajo għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħidu illi b'effett mit-2 ta' Jannar 2020, l-isem tas-soċjeta` ***Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153)*** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrenti huma kredituri tas-socjeta` msemmija Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, li jirriżulta minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Lawrence Spagnol et vs Paul Demicoli** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2022, liema sentenza ġiet appellata mir-rikorrenti stess peress li jikkontendu li l-kumpens għandu jkun ogħla, kollox kif jirriżulta mix-xhiedha mressqa u mid-dokumenti esebiti.

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrenti ressqu dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrenti jieħdu l-miżuri kollha lilhom spettanti biex jissodisfaw l-kreditu tagħhom.

Jispjega li fil-mori tal-kawża l-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji ħassar l-isem tal-kumpanija Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) mir-reġistru b'effett mit-2 ta' Jannar 2020. Jispjega li huma għandhom interess sabiex isem il-kumpanija jerġa` jidħol fir-reġistru sabiex jmexxu l-proceduri tal-Appell u eventalment jesegwixxu s-sentenza.

Il-Qorti tosserva li s-sentenza fuq ċitata tgħid is-segwenti:

> ***Tikkundanna*** *lil* ***Paul Demicoli*** *u s-soċjeta kontumaċi* ***Nick Demicoli Construction Company Limited****, iħallsu esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta'* ***mija u sbatax-il elf, u mija u erbgħin Euro (€117,140)*** *għar-rikostruzzjoni tal-garage u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta'* ***erbgħa u sittin elf, disgħa mija u tlieta u sittin Euro (€64,963)*** *għall-beni fil-garage meqruda u telf ta' qliegħ, u dan bħala s-sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) kif fuq deskritt.*

Il-Qorti tosserva wkoll in-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha jikkontendu li la darba huma kredituri tas-soċjeta Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) ma għandhomx aċċess għall-kotba tal-istess soċjeta u lanqas ma huma responsabbli għad-djun tagħha u għalhekk id-dritt li jitolbu li l-isem tal-kumpanija jerġa` jidħol fir-reġistru ma huwiex soġġett għall-kundizzjonijiet li jrid ir-reġistratur u għalhekk m'għandhomx jiġu imposti fuqhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm -il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, għandu jkun hemm impenn sħiħ sabiex jiġu sottomessi d-dokumenti u jitħallsu l-penali skont il-liġi.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrenti għandhom kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) u li qeghdin jagħmlu ħilithom sabiex jinghalqu l-pendenzi legali b'mod definittiv sabiex eventwalment, jekk ikun il-kaz, jiġi mħallas l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa` titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-

kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrenti indikaw b'mod ċar li għad għandhom kreditu sostanzjali u proċeduri pendenti fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) minn fuq ir-Reġistru, pero` r-rikorrenti għandhom interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpanija Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-rikorrenti ifallu mid-dmirijiet u l-obbligi tagħhom biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Ir-rikorrenti għandhom ikunu ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-

perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrenti huma mistennija illi jsegwu u wieħed jispera jiffinalizzaw kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jiksbu u jenforzaw kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi nkorra ir-Registratur biex nehha il-kumpannija minn fuq ir-Registru u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Nick Demicoli Construction Co Limited (C 17153)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**